MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2006

Avviz Numru. 234/2004

**Garden of Eden Limited**
**vs**
**Petrina Mifsud**

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta attrici talbet ghaliex l-konvenuta m'ghandhiex, prevja okkorrendo dikjarazzjoni illi hija unikament responsabbli minhabba negligenza, traskuragni, nuqqas ta' hila u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku ghall-incident awtomobilistiku li sehh fil-15 ta' Dicembru 2003 f'Main Street kantuniera ma' Buskett Road Had Dingli fil-11.00am bejn il-bus tal-marka Leyland Tiger numru tar-registrazzjoni ACY-863 di proprieta' tas-socjeta' attrici u l-vetturi tal-marka Peugeot 306 bin-numru tar-registrazzjoni RCS-123 misjuqa minnha, tkun ikkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf hames mija tnejn u ghoxrin liri Malti u ghoxrin centezmu (LM1,522.20) rapprezentanti l-valur ta' danni inkluz il-loss of use, minnha lilha kkagjonati b'konsengwenza ta' l-imsemmi incident

awtomobilistiku.  Bl-ispejjez, inkluz dawk ta’ l-ittra ufficcjali datata 3 ta’ Mejju 2004, u l-imghax legali dekoribbli skond il-Ligi kontra l-konvenuta ingunta personalment ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li permezz taghha eccepiet illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalihom ikunu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici, stante illi l-incident in kwistjoni ma sehhx b’xi tort tal-konvenuta izda unikament tort ta’ Thomas Spagnol, minhabba traskuraggni, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu kif ser ikun ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza; Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

**Responsabilita’ tal-incident**:

Illi s-socjeta’ attrici intavolat din l-azzjoni wara li l-imjegat taghha kien involut f’incident awtomobilistiku filwaqt li kien qed isuq bus proprjeta’ tal-istess;

**Verzjoni tas-sewwieq tal-coach**:  Ix-xufier spjega lill din il-Qorti kif huwa kien qed isuq coach tat-turisti 53 seater Had-Dingli u kien ser jaqbad jikser lejn il-Buskett bl-indicator mixghul meta vettura zghira kienet gejja minn wara fuq ix-xellug u dahlet fih.  Ix-xufier spjega ukoll illi inizjalment beda l-manuvra tieghu billi gibed lejn il-lemin biex ikun jista’ jkompli il-manuvra halli idur fuq ix-xullug altrimenti l-coach ma kienx ikun jista’ jghaddi.

In kontro ezami ix-xufier ikkonferma illi qabel beda l-manuvra u xeghel l-indicator u hares fil-mirja kollha tal-coach.

**Verzjoni tas-sewwieq tal-vettura l-ohra**:  Il-konvenuta spjegat illi hija kienet sejra fl-istess direzzjoni tal-coach u

cioe' mir-Rabat ghall-Had-Dingli meta hin minnhom kellha tieqaf fil-pjazza ta' Had-Dingli biex jghaddu xi karozzi. Quddiem il-konvenuta kien hemm xarabank bit-tfal tal-iskola qed idur ghal fuq ix-xellug taghha (tal-konvenuta) u kienet wieqfa biex tara x'ser jaghmel dan ix-xarabank meta minn warajha giet il-coach misjuqa mix-xufier tas-socjeta' attrici u kaxkarha bil-vettura taghha u bdiet iddoqq il-horn. Il-vettura tal-konvenuta sofriet hsara minn naha ta' wara fuq il-lemin ghall-quddiem. Il-konvenuta qalet illi dak il-hin kien hemm vetturi ipparkjati fuq ix-xellug taghha kif ukoll fuq il-lemin tat-triq u li fil-hin tal-incident kienet wieqfa.

**Ir-Road Accident Report**: Dan jinkorpora il-verzjoni tas-sewwieqa moghtija minnhom lis-Surgent li hejja l-istess rapport izda fil-waqt illi dik tas-sewwieq tal-coach taqbel mal-verzjoni li ta quddiem din il-Qorti, dik tas-sewwieqa l-ohra hija kompletament inversa. Dan jghid hekk: "*Whilst she was proceeding through Main Street, Dingli, behind bus ACY 863 when all of a sudden the bus turned towards Buskett Road and collided with her car*". Il-konvenuta ma taqbilx ma dak li nizel PS 690 u qalet illi dik tista' tkun il-verzjoni li tah ix-xufier tal-coach. Fid-deposizzjoni tieghu, PS 690 spjega illi l-konvenuta kienet qaltlu li kienet miexja wara l-coach u peress illi kiser 'l barra hasbet li ha jibqa' tiela dritt u marret taqbzu minn wara, imbaghad dahal fuq quddiem taghha.

**<u>Il-fatti</u>**: Il-hsarat kif deskritti fir-Road Accident Report huma fuq ix-xellug fil-konfront tal-coach u fuq quddiem, naha tal-lemin, bumper u fuq wara n-naha tal-lemin tal-vettura tal-konvenuta, kif del resto huma indikati fl-iskizz. Il-coach sofra hsarat fil-genb tax-xellug minn quddiem il-wheel arch ta' wara sal-istaffa jew vice versa. Il-kwistjoni kollha hija wahda ta' kredibilita u minn dak li ingieb a konjizzjoni tal-Qorti, il-verzjoni tas-sewwieq tal-coach bl-ebda mod ma hija korroborata mal-fatti l-ohra. Mill-iskizz jidher illi l-coach kellu impatt mal-vettura l-ohra u baqa' miexi ghal-xi distanza bizzejjed biex l-hsara estendiet ghall-nofs l-istess coach. Li kieku l-vettura z-zghira habtet mal-coach, din kienet tispicca tmiss mal-estremita' tal-hsarat fuq quddiem meta fil-fatt waqfet mal-estremita' tal-

hsarat fuq wara.  L-istess xufier tal-coach ikkonferma illi “malli qed indur, it-turisti smajthom jirrimarkaw biex nieqaf” (ara fol 35) u dan hu indikattiv tal-manuvra li hu ghamel meta kiser ghal fuq il-vettura fuq ix-xellug tieghu meta l-konvenuta tghid: “jiena daqqejt il-horn, zammejtu maghfus, u wara ftit induna li kien qieghed ikaxkarni” (ara fol. 46).

Huwa necessarju f’hafna mit-toroq taghna illi vetturi kbar bhalma huma l-coach in dizamina, jiksru ghal-ftit fid-direzzjoni opposta li jkunu intenzjonati jilwu  u tali manuvra tirrikjedi attenzjoni kbira peress illi min inkun wara jista’ facilment jinterpreta l-ewwel manuvra bhala l-intenzjoni ewlenija tax-xufier.  Izda kif gara f’dan il-kaz, l-konvenuta fehemet propju dan u ghalhekk ix-xufier tal-coach kien messu qaghad aktar attent.  Mid-deposizzjoni tieghu jirrizulta illi huwa ma kienx attent bizzejjed ghaliex huwa iddikjara li ma ra l-ebda vettura mill-erba mirja li ghadu, anqas induna bid-daqqa u kienu it-turista li gibdullu l-attenzjoni biex jieqaf.  Wara l-manuvra li ghamel, u cioe, li gibed fuq il-lemin u minnufih kiser fuq ix-xellug, kien jinkombi lilu sabiex jaccerta ruhu illi seta jghaddi minghajr periklu lil terzi.

Illi inoltre, skond l-iskizz, il-coach kien jinsab kompletament fuq il-kareggjata tad-direzzjoni opposta qabel ma kiser fuq ix-xellug tieghu u dan ma setax hlief jaghti l-impressjoni li kien ser jibqa sejjer ‘l quddiem.  L-obbligu tas-sewwieq tal-coach kien li jaghmel din il-manuvra bil-mod hafna, haga li zgur m’ghamilx.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tiddeciedi billi tichad it-talbiet tas-socjeta’ attrici bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------